# L-ASSEDJU TA' L-1551

MINN MONS. PROF. A. BONNICI

Kien il-jum 8 ta' Jannar 1552, bħal għada 426 sena ilu, meta l-Grammastru Gwanni D'Omedes laqqa' l-Kunsill tal-Ordni biex jitħaddtu dwar il-qagħda militari ta' Malta. Il-Ġeneral taljan Strozzi qam u qal li, wara l-waqgħa ta' Tripli (li kienet tal-Kavallieri) f'idejn it-Torok, l-Ordni ma kien fadallu ebda art oħra ħlief Malta; u, jekk jitlef din, kien zgur jisfaxxa, għax il-Kavallieri jerggħu jixterdu kulħadd jmur f'Pajjizu u ma jerggħux jingħaqdu. Għalhekk, qal dak il-Kavallier, kien jenħtieg li Malta tigi msaħħa sewwa militarment, biex tiflaħ tilqa' u tegħleb l-attakki ta' l-għadu tork, li kienu bdew jinħassu zguri, qawwija u fil-qrib.

Il-Kavallieri kien għad għandhom quddiem għajnejhom il-ħerba li saret mill-Gzejjer tagħna — l-ewwel f'Malta, imbagħad f'Għawdex — minn dak l-għadu mas-sitt xhur qabel.

X'kien dak li gara?

## X'GARA FL-1551

Fil-għodwa tat-18 ta' Lulju 1551, min-naħa tal-griegal feggu għal fuq Malta 145 qala b'10,000 tork fuqhom taħt il-kmand tal-Baxa Sinam mgħejjun minn Dragut.

Il-Grammastru malajr kabar il-Kavallieri f'Kunsill u ordna li jintrabtu l-ħames xwieni li kien hawn fil-Port flimkien ma' xi qxur oħra tal-baħar u jingħalaq bihom il-Port il-Kbir, u titqiegħed il-katina minn Ponta Sant'Anglu sa Ponta ta' San Giljan jew ta' lmtieħen, fejn, wara, inbniet l-Isla. Thejjew għall-fuq l-armi l-Kavallieri u s-suldati tad-Dejma (il-Milizzja Maltija). Tqiegħed stakkament ta' kavallieri u xkubettieri taħt il-kmand tal-kavallier spanjol De Guimeran fuq il-għolja Xebberas (fejn il-lum hemm il-Belt), u nzammew fil-Birgu, taħt il-kmand tal-kavallier ingliz Upton, il-kavallieri l-oħra, barra sitta francizi li ntbagħtu l-Imdina, fejn kienu marru jistkennu għadd kbir ta' nies tal-kampanja b'dak kollu li kellhom.

It-Torok zbarkaw f'Marsamxett u attakkaw lis-suldati tad-Dejma. Dawn ma felħux l-attakk u rtiraw. It-Torok xterrdu ma Ħal Qormi u Birkirkara, ikissru, jisirqu u jaħarqu kull ma jsibu. Il-kavallerija griet warajhom. Meta kienet għoddha laħqithom, giet ordnata ritirata. Din id-darba it-Torok grew warajhom; izda, x'ħin waslu fil-pjanura ta' Ħal Qormi, il-kavallieri daru f'daqqa waħda, iffruntaw lill-għadu u ħarbtuh. Dragut ried jissokta l-ħebb, biex jieħu Sant' Anglu, izda Sinam u oħrajn ordnaw li ssir ritirata.

Il-flotta torka bis-suldati torok fuqha ħarget mill-Port ta' Marsamett, baħħret mal-plajjiet ta' San Gorg, u San Pawl nizzlet is-suldati, li ħarbtu in-Naxxar u l-Mosta, Ħal-Lija u H'Attard. Imbagħad bdew resqin lejn l-Imdina.

Il-Gvernatur Adorno, gwerrier taljan, qassam is-suldati tiegħu u ordna li n-nies kollha go l-Imdina, kbar u zgħar, jitfaccaw fuq is-swar, itellgħu l-bandieri u jsir l-isparar, waqt li t-Torok taħt Sinam kienu waslu biex jagħtu l-assalt.

## IL-VARA TA' SANT'AGTA

"Jekk ittellgħu l-vara ta' Sant'Agta fuq is-sur", qalet waħda soru fl-Imdina, "il-Belt ma ttittieħidx" Il-vara qegħdet fuq is-sur, it-Torok fetħu musketterija fuqha, izda ebda balla ma laqtitha. Biex tkompli, meta il-Baxa ra dawk l-irjus kollha fuq is-swar, ħaseb li kienu kollha tas-suldati, u qata qalbu jattakka. Dragut issuggerixxa l-irtirata.

Mal-lejl insteg ħmet sparatura u ħsejjes fil-kampijiet torok. Meta, l-għada filgħodu, is-sentinelli ħarsu madwar is-swar tal-Imdina, ma rawx ħlief għelieqi vojta. Kif xtaq Dragut, l-ezercitu tork ingabar biex imur iħebb għal Għawdex.

Malli l-Għawdxin raw il-flotta torka riesqa lejhom, bagħtu lill-Gurat Pawlu Di Nas għand il-Grammastru biex jitlob l-għajnuna ta' bumbardieri u munizzjon minn Malta. Waqt li kien riega lura f'Għawdex b'dik l-għajnuna, inqabad minn Dragut, u stqarr li l-Għawdxin ma kienux ser jibzgħu mit-Torok, għax il-Kastell kien imħares tajjeb taħt il-gwerrier spanjal De Sesse.

Dragut ma qatax qalbu. Nizzel it-truppi fl-Imgarr u magħhom disa' kanuni kbar u bcejjec oħra ta' l-artillerija. Bis-saħħa ta' zewg batterija, Sinam garraf is-swar qodma tal-Kastell. Il-Gvernatur, bla bombardieri u munizzjon, ħaseb biex icedi: nizzel mis-sur lill-Patri Agostinjan Bart. Bonavia jittratta mal-Baxa. Il-pattijiet kienu li l-Għawdxin icedu l-Kastell u l-Baxa jeħles 200 mill-kbarat. Il-Baxa accetta li jeħles 40 biss, u b'daħka fuq xuftejh wara ħeles 40 xiħ fqir. Imbagħad qabad lil De Sesse bħala lsir flimkien ma 700 ragel u 6,000 mara u trabi.

Malli nfetaħ il-bieb tal-Kastell, it-Torok daħlu, serqu, qerdu ivvjolentaw u qatlu għadd kbir ta' nies. Dragut kien ferħan li rnexxa l-pjan tiegħu. Garraf il-knisja ewlenija tal-Gzira u ħaraq jew garr miegħu l-manoskritti li sab. Għalhekk f'Għawdex ma insibux dokumenti ta' qabel dik id-data.

## SALVA L-UNUR TA' MARTU U BINTU

Castagna, fl-Istorja tiegħu, jikteb hekk: "Jibqa' għala dejjem imfakkar isem li Sqalli Bernardo Dopuo, li bil-forza tiegħu waħdu kellu l-ħila jsalva l-unur ta' martu, ta' uliedu xebbiet u tiegħu nnifsu". Għala u kif? Malli ra l-vjolenza tas-suldati torok, gera lejn id-dar, għannaq u beka fuqhom u b'sikkina qatalhom gerzumthom. Kif it-Torok imbagħad gew biex jidħlu fid-dar, beda jisparalhom bil-pistola u bl-azzarin. Meta spiccawlu l-balal, beda jissielet bixxabla sakemm waqa' mejjet b'gismu mtertaq. Fil-waqt li wieħed ma japprovax moralment l-għemil ta' dak is-suldat fil-qtil ta' martu u bintu, ma nistgħux ma nammirawx il-qlubija tiegħu.

L-assedju tal-1551 ħejja t-triq għal assedju l-kbir tal-1565.